MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Numru. 574/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Tony Cachia]**

**vs**

**Mark Scicluna**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Scicluna detentur tal-karta tal-identita` numru 281368(M).

Akkuzat talli fit-22 ta' Dicembru 2009, ghall-habta ta' 19:00hrs fi Triq l-Imqabba, Siggiewi, filwaqt li kien qed isuq il-vetura bin-numru tar-registrazzjoni YES768:
(1) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Rita Cutajar u ta' Nicholas Cutajar kif

iccertifika Dr. A. Cachia M.D. mill-Isptar Mater Dei kif ukoll griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Paul Cutajar kif iccertifika Dr B. F. Parsons M.D. mill-Isptar Mater Dei;

(2) Saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata;

(3) Saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza;

(4) Saq l-imsemmija vettura bla kont;

(5) Saq jewipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registrazzjoni YES768 meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi; u

(6) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura msemmija hawn fuq fi triq jew f’post f’pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tiskwalifika lill-imputat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li jidhrilha xieraq.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba kontrih;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz l-Artikoli tal-Avukat Generali fejn talab li tinstab htija taht l-Artikoli 226 (1)(a)(b)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Artikoli 15 (1)(a)(2), 15A(1)(2) u Artikoli 15B(1)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tkompli tisma’ u taqta’ din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi dan si tratta ta’ incident awtomobilistiku fejn allegatament il-karrozza ta’ Mark Scicluna dahlet ‘head on’ gol-karrozza li kienet qed tigi misjuqa mill-parte civile

Rita Cutajar u fejn kienu rekbin fuq wara tal-karrozza taghha iz-zewg minuri wliedha subien Nicholas u Paul Cutajar. Illi rrizulta illi gew ikkagunati griehi gravi fuq il-persuna ta’ Rita u Nicholas Cutajar filwaqt li gew sofferti griehi hfief minn Paul Cutajar. Illi rrizulta wkoll illi il-griehi ta’ Nicholas Cutajar kienu griehi gravi fis-sens li ghandu dizabilita` permanenti.

Illi mill-provi migjuba u senjatament minn dokumentipprezentat mill-prosekuzzjoni u cioe` Dok TC2 li gie sussegwentement mahluf mill-ufficjal li wettaq l-‘breathyliser test’ (fol 94), illi l-imputat kien qed isuq b’livell gholi ta’ alcohol u cioe` ta’ 93/95 mg.

Illi mill-affidavit ta’ PS539 F. Caruana (fol 14) hareg kif il-komportament tal-imputat kien wiehed daqsxejn stramb ghaliex apparti li ezatt wara l-incident l-imputat raqad fuq l-‘isteering’ hekk kif ikkonfermat Rita Cutajar fix-xhieda taghha, meta dan hareg mill-karrozza tieghu u meta is-surgent staqsieh biex jaghti l-verzjoni tieghu tal-incident, huwa rrispondieh li huwa kien gej mill-istilel. Is-surgent jghid ukoll illi l-imputat kellu riha ta’ alcohol u beda jixxengel.

Ix-xhieda tal-vittma Rita Cutajar hija wahda sinjifikanti u importanti sabiex tigi rikostruwita x-xena tal-incident. Hija fil-fatt tghid hekk a fol 37 tal-process:

***“Data tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru elfejn u disa’ (2009) fis-sebgha (7.00) ta’ filghaxija. Kont qieghda nsuq jiena u zewgt (2) itfal, tifel ta’ tnax-il (12) sena u l-iehor disa’ (9) snin. Kif kont qieghda nsuq, f’hin minnhom rajt dawl bright qawwi ghal go fija. Jien bzajt, tfajt ma’ hajt u dan ma kkalkulaniex, baqa’ diehel ghal fuqi. Lit-tifel ghamillu farrett go rasu, kelli nghajjat lin-nies jaghtuni l-ghajnuna ghax ma stajtx nikkopera wahdi. It-tifel f’concussion iz-zghir. Dan li dahal go fiha, s-sur Scicluna raqad fuq l-‘airbag’.”***

Xehed ukoll il-minuri Nicholas Cutajar li xehed li hu u huh kienu fuq wara bis-‘seatbelts’ tat-tnejn maqfulin izda ma jiftakar xejn mill-incident.

Rat ukoll il-verbal tal-15 ta’ Ottubru 2012 fejn il-parte civile ddikjarat illi hija kienet thallset a saldu ta’ kull pretensjoni sofferta minnhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fejn b’mod partikolari, id-difiza qajjment  punt illi s-sitt akkuza m’ghandhiex tissussisti ghaliex l-imputat ma nghatax id-dritt tal-avukat qabel ma ttihiedlu l-‘breathyliser’.

Illi qabel ma din il-Qorti tesprimi ruhha fuq il-mertu, il-Qorti thoss illi ghalkemm min ikun ser jittiehidlu l-‘breathyliser’ huwa deziderabbli illi jinghatalu d-dritt tal-avukat, hekk ‘contrario senso’, il-fatt li ma nghatax dan id-dritt ma jfissirx awtomatikament li gew lezi d-drittijiet fundamentali ta’ dak il-bniedem. Kull kaz ghandu jigi kunsidrat u evalwat skont il-merti tieghu.

F’dan il-kaz is-surgent 539 ha biss il-verzjoni tal-fatti tal-incident u kif kellha l-okkazjoni li tiddeciedi din l-istess Qorti fil-kawza bl-ismijiet “il-Pulizija vs Raymond Psaila” digriet tat-23 ta’ Settembru 2011, f’dan l-istadju ma jiskattax id-dritt tal-avukat. Issa meta jkun hemm il-kwistjoni tal-‘breathyliser’, f’dan il-kaz l-imputat inghatatlu s-solita twissija, jigifieri illi huwa jista’ jirrifjuta li jaghmel dan it-test li fil-fatt huwa kkonsenta li jaghmel bil-liberta` kollha. Illi l-Qorti thoss illi li kieku nghata dan id-dritt u fil-fatt l-imputat uzah billi cempel avukat, dak l-avukat kien jghidlu l-istess haga li fil-fatt qallu is-surgent. Illi ghalhekk il-Qorti ma hi qed tara l-ebda pregudizzju fil-konfront tal-imputat u ghalhekk qed tichad din it-tezi tad-difiza.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dan il-kaz oltre d-dubju ragjonevoli b’dan illi l-provi migjuba juru bic-car illi l-imputat kellu proporzjon ta’ alcohol aktar gholi mis-suppost u kif ukoll jindika l-iskizzipprezentat fl-atti, juri li il-parte civile kienet fuq in-naha taghha meta sar l-impatt u kienet il-vettura tal-imputat illi dahlet fuqha.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 226 (1)(a)(b)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikoli 15 (1)(a)(2),

15A(1)(2),l-Artikoli 15B(1)(2) u 15H (1) (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Mark Scicluna hati tal-akkuzi kollha, u billi s-sewqan bla kont u traskurat huma assorbiti fis-sewqan perikoluz u billi il-hames (5) akkuza hija alternattiva ghas-sitt (6) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannah ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).
Il-Qorti tordna wkoll sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena (1) dekorribbli minn nofs il-lejl ta' ghada fil-ghodu.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------